JINBIEGH 3d.

# L-IMSIDA



Vol. I, Nru. 6 SETTEMBRU - OTTUBRU, 1965

# UNURI GODDA GĦAL ULIED L-IMSIDA

**Din is-sena 1965 hija sena ta' risq għall-Parroċċa tagħna. Dana narawh mill-fatt li ma' tulha 4 Misidjani saru saċerdoti ġodda, tnejn minnhom anki missjunarji. Mhix ħaġa komuni u lanqas bla importanza li l-Parroċċa tagħti f'sena waħda 4 saċerdoti ġodda, u għalhekk ħassejna li għandna npoġġuhom quddiemkom. Magħhom insemmu wkoll tifel Misidjan li bħalissa qiegħed fost dawk li jirrappreżentaw lill-abbatini Maltin fil-Vatikan.**

## FR. JOSEPH ABELA S.J.



Fr. Joseph twieled l-Imsida fit-2 ta' Frar, 1935. Studja l-iskola tal-Gvern u l-Liċeo. Fit-2 ta' Ottubru, 1951, fl-età ta' 16-il sena, daħal Ġiżwita .Wara n-Novizzjat u l-istudju tal-Letteratura f'Loyola House, in-Naxxar, fis-sena 1954 ġie mibgħut l-Indja. F'Poona studja l-Filosofija u f'Sahibganj għamel il-maġisteru filwaqt li t-Teoloġija għamilha Poona wkoll. Huwa ġie ordnat saċerdot fis-17 ta' Marzu, 1965, mill-Isqof Benjamin f'Kurseong.

*Ad multos annos!*

## FR. BENJAMIN GALEA O.C.D.

Rigcbert Galea twieled l-Imsida fl-4 ta' Jannar, 1939. Wara li attenda l-iskola Primarja tal-Gvern, daħal il-Liċeo. Ta' età żgħira diġà kien membru ħabrieki ta' l-Azzjoni Kattolika. Diversi drabi kien Prinċep tal-Gara Parrokkjali u darba rebaħ anki t-titolu ta' Imperatur tal-Gara Djoċesana. F'Novembru ta' l-1957, fl-età ta' 18-il sena ,daħal mal-Patrijiet Tereżjani. Wara sena novizz, Fr. Benjamin — skond l-isem ġdid li tawh — ipprofessa sempliċi u ġie mibgħut fi Treviso, fl-Italja, għall-Filosofija. Fl-1960 ġie Malta fejn għamel il-professjoni solenni u l-ewwel sena Teoloġija. Imbagħad mill-ġdid kompla l-



istudji fl-Italja. L-Isqof Fiordelli ordnah Suddjaknu u mbagħad Djaknu fis-sena 1964. Fl-aħħar, fid-29 ta' Ġunju — l-Imnarja — il-Kardinal Florit ta' Firenze ordnah saċerdot għal dejjem.

*Ad multos annos!*

## FR. PATRICK DEBATTISTA O.F.M.Cap.

Fr. Patrick twieled l-Imsiqa fis-16 ta' Diċembru, 1938, minn Joseph u Rosina



Debattista. Huwa daħal fl-iskola tal-Patrijiet Kappuċċini fi-1952 u wara 4 snin mar Għawdex għan-Novizzjat. Libes l-ewwel darba l-libsa Franġiskana f'Ottubru tas-sena 1956. Wara sena novizzjat, ipprofessa sempliċi u f'Ottubru tas-sena 1957 ġie Malta fejn beda l-istudji tal-Letteratura u Filosofija fil-kunvent tal-Kalkara. Wara l-professjoni solenni fis-sena 1961, huwa beda l-istudji tat-Teoloġija fil-kunvent tal-Furjana.

F'Marzu, 1962, ordna l-ewwel Minuri u sena wara t-tieni Minuri. F'Mejju, 1964, ġie ordnat Suddjaknu u f'Diċembru ta' l-istess sena Djaknu. Wara li spiċċa l-kors, huwa ġiet ordnat saċerdot minn Mons. Arċisqof fl-4 ta' Lulju, 1965, fil-Knisja tal-Ġiżwiti, il-Belt.

*Ad multos annos!*

## FR. BERNARD GAFA' B.A.

Dun Benny twieled l-Imsida fl-24 ta' Novembru, 1939, minn John Mary u Mary Gafà. Sa minn meta kien għadu żgħir, kien membru attiv tal-Mużew fejn sar soċju fil-Milied, 1957. Wara l-iskola tal-Gvern, daħal il-Liċeo f'Ottubru, 1949. Wara li għadda b'suċċess il-G.C.E. fl-1954 u l-Matrikola fl-1957, għamel sentejn teacher fl-iskola tal-Marsa.



Fl-1957 huwa daħal is-Seminarju Maġġur u beda wkoll il-kors għas-saċerdozju fl-Università Rjali ta' Malta. Fl-1961 huwa ħa l-grad ta' B.A. fil-Filosofija, Grieg u Taljan. Fl-14 ta' Novembru huwa telaq lejn il-Brażil fejn kompli l-istudji tiegħu fl-Università ta' Curitiba. Huwa iġe ordnat saċerdot flimkien ma' xi Maltin oħra fl-4 ta' Lulju, 1965.

*Ad multos annos!*

*(jissokta fil-paġ. 9)*

# DJARJU PARROKKJALI

## IMGHODDI

### ĠUNJU - LULJU

13 ta' Ġunju Festa tat-Trinità Mqaddsa. Fil-Parroċċa saret l-ewwel Tqarbina.

17 ta' Ġunju Festa ta' Corpus Domini. Filgaxija saret il-purċissjoni sagramentali.

21 ta' Ġunju Fil-Parroċċa bdew l-eżerċizzi tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù.

27 ta' Ġunju Festa tal-Qalb ta' Ġesù fil-Parroċċa. Filgħaxija saret il-purċissjoni sagramentali.
Fil-Każin tal-Banda "Melita" saret laqgħa ġenerali li fiha ġew eletti membri ġodda fil-kumitat, u saru emendi fl-Istatut.

4 ta' Lulju Fis-Santwarju ta' Loretu saret il-festa solenni tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Ir-Rettur jirringrazzja lil dawk kollha li kienu ta' għajnuna.

11 ta' Lulju Fil-każin tas-St. Joseph F.C. saret is-Seduta Ġenerali Annwali li fiha ġie elett il-kumitat il-ġdid. In-Numru Speċjali tal-gazzetta *L-Imsida* ġie milqugħ tajjeb mill-qarrejja.
Fis-1.45 p.m. ġiet maħruġa l-istatwa ta' San Ġużepp min-niċċa bħala bidu mill-festi tal-Parroċċa tagħna.

18 ta' Lulju Festa tal-Patrijarka San Ġużepp fil-Parroċċa tagħna.

## ĠEJJIENI

### SETTEMBRU - OTTUBRU

5 ta' Settembru Seduta Ġenerali Annwali fil-Każin tal-Banda "Melita". Elezzjoni tal-Kumitat il-ġdid.

6 ta' Settembru Il-qniepen kollha tal-Parroċċa tagħna flimkien ma' dawk ta' Malta kollha jfakkruna filmejtin ta' l-Assedju.

8 ta' Settembru Festa ta' Marija Bambina u tifkira tarrebħa. Għeluq ir-raba' ċentinarju ta' l-Assedju l-Kbir.

15 ta' Settembru Ftuħ ta' l-Iskejjel Primarji.

18 ta' Settembru L-aħħar Ġimgħa ta' San Franġisk. Fis-7.00 a.m. Quddiesa bil-fervorin fuq il-Qaddis.

18 ta' Settembru Lejlet il-Festa ta' San Franġisk. Filgħaxija, wara l-funzjonijiet tal-knisja, issir il-kitba u l-professjoni tal-Fratelli.

19 ta' Settembru Festa ta' San Franġisk fil-Parroċċa.
Fis-6.00 a.m. Quddiesa bit-Tqarbina ġenerali.
Fid-9.00 a.m. Quddiesa Kantata Solenni u wara purċissjoni tat-Terza.
Fil-5.30 p.m. Għasar solenni, quddiesa, u priedka mir-Rev. J. W. Orr.
Purċissjoni bl-istatwa ta' San Franġisk, Antifona, Barka Papali u Benedizzjoni.

26 ta' Settembru Festa solenni tal-Konsagrazzjoni tal-Knejjes.

1 ta' Ottubru Fil-Parroċċa, fis-Santwarju ta' Fatima u ta' Loretu jibda jingħad ir-Rużarju quddiem Ġesù Sagramentat.

3 ta' Ottubru Festa tal-Madonna tar-Rużarju. Fil-Parroċċa filgħodu jkun hemm Quddiesa Kantata u filgħaxija jingħad ir-Rużarju waqt il-purċissjoni.

10 ta' Ottubru Fl-Iskola Primarja tal-Gvern sejjer isir ir-IV Msida Song Contest organizzat miż-Ż.H.N.

17 ta' Ottubru Ġurnata Missjunarja. Kulħadd mitlub biex igħin il-Missjoni. Filgħaxija fil-Parroċċa ssir il-funzjoni għall-bżonnijiet tal-Missjoni.

21 ta' Ottubru Fis-Santwarju ta' Loretu ssir il-festa ta' Sant'Ursola.

24 ta' Ottubru Festa ta' Kristu Re. Il-membri tal-għaqdiet tagħna huma mitluba jieħdu sehem fil-korteo li jsir fil-Belt.

## STATISTIKA

### ĠUNJU - LULJU

#### TWELID

Twieldu 12-il tifel u 15-il tifla.

#### ŻWEĠIJIET

| | |
|---|---|
| Bezzina Ġorġ u Galea Doris | 12. 6. 65 |
| Scicluna Alfred u Micallef Josephine | 13. 6. 65 |
| Balzan Joe u Mizzi Julia | 27. 6. 65 |
| Theuma Anthony u Salerno Feliċita | 27. 6. 65 |
| Testa Joseph u Falzon Mary | 29. 6. 65 |
| Azzopardi Carmel u Dimech Joan | 10. 7. 65 |
| Falzon Anthony u Azzopardi Maria | 11. 7. 65 |
| Muscat Emmanuel u Sammut Salvina | 24. 7. 65 |
| Tonna Paul u Agius Pawla | 24. 7. 65 |
| Amaira Carmel u Abela Teresa | 25. 7. 65 |

#### IMWIET

| | |
|---|---|
| Galdes Emmanuel (66 sena) | 16. 6. 65 |
| Demanuele Angelo (63 sena) | 16. 6. 65 |
| Buttigieg Ugo (68 sena) | 21. 6. 65 |
| Magri Antoinette (16-il xahar) | 6. 7. 65 |
| Sapiano Anthony (53 sena) | 27. 7. 65 |
| Galea Filomena (87 sena) | 30. 7. 65 |
| Rapinett Marion (15-il sena) | 30. 7. 65 |




*For all kinds of*
**Fresh Vegetables, Pasteurized Milk, Frozen Foods and Groceries**
visit the
# SPLENDID STORE
Prop. J. M. FARRUGIA & SONS
53, D'ARGENS ROAD — MSIDA
Orders by phone will be accepted with Free Delivery if you **Dial 32364.**

**Have you tried**
**the new WEMBLEY's**
**GRAN - GEL - ITA**
**6d.**

# IR-RESPONSABBILTA' TAL-ĠENITURI FIT-TROBBIJA TA' WLIEDHOM

Minn CARMEN CARBONARO

**Hadd ma jista' jiċħad li r-responsabbiltà tal-ġenituri hija kbira. Omm jew missier jinfluwenzaw liż-żgħar tagħhom fil-ħajja. Kulħadd jaf kemm it-tfal iħobbu jimitaw. Bniet jew subien iħobbu jilagħbu tal-mamà u tal-papà, u jimitaw il-kliem u l-għemil tal-ġenituri tagħhom.**

X'uħud mill-ġenituri jaħsbu li l-imġieba tagħhom fid-dar hija bla importanza, u ġieli tisma' lil min igħidlek: "U iva, it-tfal imorru l-iskola, u jitgħallmu hemm". Veru li fl-iskola t-tfal jitgħallmu, imma l-ewwel tagħlim u l-aktar importanti jrid isir fid-dar. L-għaref Papa Ljun XIII stess qal: "Kulħadd għandu jkun jaf illi moħħ it-tfal huwa l-aktar influwenzat mit-tagħlim li jieħdu mid-dar".

Mhux għax ma hemmx ħafna u ħafna ġenituri li jieħdu tassew interess fit-tagħlim ta' wliedhom, jaraw kif jagħmlu u jgħinu lit-teachers, u jappoġġjawhom u huma grati lejhom tat-tagħlim tajjeb li jagħtu lil uliedhom; li jmorru jaraw kif inhuma sejrin it-tfal tagħhom; li jġegħluhom jobdu u jirrispettaw lit-teachers tagħhom, kif għandu jkun. Imma mill-banda l-oħra hemm ukoll ġenituri li minn dan ma jagħmlu xejn anzi jagħmlu xi ħaġa kontra, u minflok ma jikkoreġu 'l uliedhom jagħtuhom eżempju ħażin huma stess u kultant jiskandalizzawhom billi jżommu magħhom, ukoll meta dawn ikolhom tort, u jmorru jeħduha mat-teacher għax tkun ikkoreġiethom. Kemm jagħmlu ħażin dawn il-ġenituri, kemm jiżbaljaw.

Dawn it-talin, biex ingħid hekk, ikunu ħatjin iktar minn uliedhom stess. Imma nispera li minn dawn hawn ftit; u li dawn il-ftit jaraw l-iżball tagħhom u jikkoreġu ruħhom qabel ma jikkoreġu 'l uliedhom. Hafna drabi meta jmorru t-tfal id-dar jaraw xi nuqqas mill-ġenituri stess, ma jarawx lill-ġenituri jitolbu, ma jarawx lill-ġenituri tagħhom jirsistu għall-quddies u għat-tqarbin. Jaraw ġlied, kliem nieqes mill-karità. U t-tfal jinsew dak li jkunu tgħallmu fl-iskola u jibdew jimitaw dak kollu li jgħidu u jagħmlu l-ġenituri. It-tfal, kulħadd jaf, huma bħal pappagall. Jimitaw il-ħażin, bħalma jimitaw it-tajjeb.

Kif għandha tkun id-dar Kattolika? Qatt noqogħdu naħsbu ftit fuq l-importanza kbira tad-dar? Id-dar hija l-organu l-aktar vitali tas-soċjetà. Dak li tkun id-dar issir is-soċjetà, għaliex is-soċjetà mhix ħlief għaqda ta' familji. Id-dar hija l-għassiesa taż-żgħażagħ, il-konsolazzjoni taż-żmien ta' l-irġulija, is-serħan tax-xjuħija. U għandha tkun iż-żerriegħa tal-virtù.

Il-ġenna hija f'idejn l-ommijiet u d-destin tat-tfal huwa partikolarment ix-xogħol ta' l-omm. Il-benniena hija dik il-barriera qaddisa fejn ir-ruħ tat-tifel hija ffurmata għas-sema bl-iskalpell li l-omm biss tista' tħaddem.

Omm li tonqos li trabbi lit-tfal tagħha fil-biża' u fl-imħabba t'Alla hija wisq aktar krudila u ħażina minn dik l-omm li ma tagħtix każ tas-saħħa fiżika ta' wliedha, għaliex ir-ruħ hija wisq aqwa mill-ġisem. Darba wieħed kappillan mar iżur wieħed ġuvni fil-ħabs, u talbu biex jagħmel paċi ma' Alla billi jqerr qrara tajba. U dan ma riedx. U allura l-kappillan qallu: "Aħseb kieku kienet hawn ommok, x'kienet tgħidlek, kemm kienet tħeġġek biex tagħmel qrara". U dak, mimli rabja, filwaqt li fajjar kelma ħażina, qallu: "Ommi, kieku ħadet ħsiebi qabel, kieku ma ninsabx hawn". Taraw, mela, kemm hija kbira r-responsabiltà tal-ġenituri, u speċjalment ta' l-ommijiet fit-trobbija ta' l-ulied. L-omm għandha dejjem iżżomm quddiem għajnejha kemm hija kbira l-missjoni tagħha; veru li għandha responsabbiltà kbira, imma tiftakar li l-premju għaliha huwa kbir ukoll, kif ukoll is-soddisfazzjon li tkun għamlet dmirha sewwa fit-trobbija ta' wliedha.


IL-FAMUŻA DOLĊERIJA FL-IMSIDA

BUSY - BEE

tirċievi ordnijiet għal

TIĠIJIET

MAGHMUDIJIET

PARTIES


## R. I. P.

B'Tifkira għażiża ta' **Antonia Zammit** imwielda Gallo, mill-Imsida li mietet fit-3 ta' Settembru 1942. Qat minsija minn binta Marija, ħuta Ġużeppi Gaety, Manwela, qraba u ħbieb. Mulej għatiha l-mistrieħ ta' dejjem.



B'Tifkira għażiża ta' **Anġela Camilleri** f'għeluq is-sitt xahar mill-mewt tagħha li ġrat l-Imsida fit-16 ta' Marzu 1965, wara li ġiet ikkonfortata bis-Sagramenti Mqaddsa. Qatt minsija minn uliedha ħutha Neputijiet qraba u ħbieb

Mulej għatiha l-mistrieħ ta' dejjem.



B'tifkira tar-ruħ għażiża ta' **John Gauci** li miet fl-Imsida fl-14 ta' Settembru 1963, f'għeluq it-tieni sena minn mewtu li ġrat fl-eta' ta' 56 sena. Qatt minsi minn martu Francis, uliedu Doris u żewġha Charles Casha, Connie, John u Joe kif ukoll minn għadd kbir ta' qraba u ħbieb. Ħanin Ġesù, agħtih il-mistrieħ ta' dejjem.



B'Tifkira għażiża ta' **Madalena Mousù** f'għeluq il-5 snin minn mewtha li ġrat fl-24 t'Awissu 1960. Ħalliet jibku t-telfa tagħha lill-uliedha Karmena u żewġha Karmenu Filletti, Ġuża u żewġha Harry Bond, Gigi u martu Tonina, flimkien ma' għadd kbir ta' neputijiet, qraba u ħbieb.—R.I.P.



Fil-lejl tat-30 ta' Lulju, wara marda kiefra, ittajret għal għand Ġesù **Maria Anna Rapinett** ta' 15 il-sena. Hija kienet membru attiv taċ-Ċirkolu tagħna fejn kienet daħlet fl-eta' żgħira ta' 5 snin. Bi tbissima fuq xofftejha, dejjem kienet minn ta' l-ewwel fil-ħidmiet kollha taċ-Ċirkolu. Kulħadd kien jafha u jħobbha għax kulħadd kien jaf li "Marion" qatt ma tilfet tqarbina. Għal kulħadd kellha kelma ta' faraġ u eżempju mill-aħjar x'toffri. Flimkien ma' ommha, missierha, ħutha, qrabatha u ħbieba, aħna ma ninsewha qatt u l-vojt li ħalliet hi ma jista' jimlieh ħadd. Mulej agħtiha l-mistrieħ ta' dejjem.

Is-Soċji taċ-Ċirkolu Santa Ġovanna D'Arco.

# "L-IMSIDA"

**LEHEN IL-PARROĊĊA**

*Direttur Spiritwali:* Dun Ġużepp Mifsud.
*Editur:* Is-Sur Joe Friggieri.
*Ass. Editur:* Is-Sur Lino Bartolo.
*Membri tal-Board Editorjali:* Is-Sur Charles Casha u s-Sur Albert Marshal.
*Abbonament għal sena:* Malta 2/6; Barra 4/-.
Stampat fl-"Empire Press" — Furjana.

**Vol. I Nru. 5** **Lulju - Awissu, 1965**


**EDITORJAL**

## L-EDITUR GĦAND IL-PAPA

KEMM ilu mwaqqaf il-Board Editorjali tagħna, minn dejjem fittixna li nwaqqfu kemm nistgħu kuntatti importanti ma' awtoritajiet u personalitajiet f'kull qasam tal-ħajja. Hekk, ngħidu aħna, il-ġurnal tagħna jasal lill-awtoritajiet ta' Malta regularment u b'hekk il-belt tagħna tibqa' dejjem quddiem għajnejn dawn il-personalitajiet. Minn dan il-fatt jidhrilna li l-ġurnal u l-pajjiż tagħna ma jistgħux ma jgawdux benefiċċji kbar.

Dawn il-ġranet kellna anki l-okkażjoni li l-ġurnal tagħna jaqbeż ix-xtut ta' pajjiżna u joħroġ minn Malta biex jasal fil-Belt tal-Vatikan. Dan sar meta l-Editur tal-ġurnal mar Ruma fejn ħataf l-okkażjoni biex iwaqqaf kuntatti ma' personalitajiet hemmhekk.

Wara rakkomandazzjonijiet li kellna min-naħa tal-Knisja f'Malta, l-Editur seta' jersaq għand l-ogħla awtoritajiet ta' hemm u juri anki x-xogħol li l-ġurnal tagħna qiegħed iwettaq; dana ġie apprezzat ħafna, tant li l-Editur stess ġie mogħti post speċjali fl-udjenza tal - Papa f'Castel Gandolfo nhar l-Erbgħa, 18 ta' Awissu. Minn hemm, minn riġlejn u mill-persuna qaddisa tal - Papa Pawlu VI, il-ġurnal tagħna rċieva barka u awguri speċjali biex dawn ikunu rahan tal-ġid li l-ġurnal jista' fil-ġejjieni jwettaq fil-parroċċa tagħna.




Aħna kburin minn din il-barka kif ukoll mill-mod li l-ġurnal, fil-persuna ta' l-Editur, ġie milqugħ. Id-dokument li jfisser din il-Barka jibqa' għażiż għall-Board u għall-qarrejja kollha mhux biss għal ftit ġranet, imma għal dejjem.

Imma lanqas dan ma kien biżżejjed: l-Editur ġie mogħti wkoll dekorazzjoni li tinkludi medalja u diploma li jġibu l-persuna awgusta tal-Papa stess, biex hekk aktar u aktar ix-xogħol tal-ġurnal jiġi apprezzat.

Aħna dan qegħdin nippubblikawh il-lum, biex niftaħru jew nitkabbru quddiem il-qarrejja flimkien mal-Barka tal-Papa mibgħuta lilna mhux tagħna: dan kollu huwa bogħod minn ħsiebna. Qegħdin nagħmluh biex inżommukom infurmati x'qiegħed isir f'isimkom il-qarrejja u iktar u iktar biex bħalna timtlew bil-kuraġġ u determinazzjoni għalli ġej ħalli l-ġurnal mhux biss ikompli joħroġ, imma anki jiġi aktar 'il quddiem.

Meta aħna rajna dan l-apprezzament, aħna ħassejna bħal injezzjoni qawwija biex għalli ġej, minkejja d-diffikultajiet li jinqalgħu, inkomplu x-xogħol tagħna għall-ġid ta' pajjiżna. Intom il-qarrejja għandkom tissieħbu magħna u tagħmlu proponiment li tikkooperaw aktar u aktar mad-direzzjoni tal-ġurnal.

Il-ġurnal jibqa' joħroġ sakemm triduh u sakemm tgħinuh intom, għax huwa tagħkom: ħaġa li għidniha sa mill-ewwel darba li deherna quddiemkom. Għalhekk kull veru Misidjan għandu jħeġġeġ biex jagħti sehmu fil-gazzetta. Forsi mhux kull Misidjan għandu jħossu kburi minn dan l-inkuraġġiment li ġie mogħti lilna mill-awtoritajiet l-aktar viċini tal-Vigarju ta' Kristu?

## KUMITAT ĊIVIKU MSIDA-PIETA'

Forsi xi ħadd jistaqsi x'inhu x-xogħol li qiegħed jagħmel il-Kumitat Ċiviku minn mindu ġie iffurmat kmieni din is-sena. Appuntu, permezz ta' din il-gazzetta, ser jibda jiġi irrappurtat ix-xogħol li qed isir għall-informazzjoni tal-pubbliku li mingħajr dubju huwa interessat li jkun jaf. B'hekk jiżdied aktar interess u kooperazzjoni li hija ħafna meħtieġa biex il-Kumitat ikollu aktar saħħa li jimxi 'l quddiem u jagħmel ġid liż-żewġ pajjiżi għaliex ikun jaf li n-nies ta' l-Imsida u tal-Pietà huma warajh.

Diġà nfetħet korrispondenza mal-Ministri ikkonċernati dwar il-Għajn tal-Hasselin, il-Playing Field ta' l-Imsida u l-'lamp posts' li hemm neqsin max-xatt minn Tal-Pietà sa l-Imsida.

Il-Kumitat Eżekuttiv ħatar ukoll Sotto Kumitat magħmul minn professjonisti u persuni oħra ta' esperjenza biex jistudjaw il-problema tad-drenaġġ fl-Imsida. Sotto Kumitat ieħor għadu kemm ġie maħtur biex jibda jistudja l-problema tat-traffiku fl-Imsida u Tal-Pietà.

Il-Kumitat tagħna qed jieħu parti attiva wkoll ma' Kumitati Ċiviċi oħra f'laqgħat kontra l-vandaliżmu li qed jiġu organizzati mill-Kumitat Ċiviku taż-Żurrieq. Is-Sur J. M. Cassar Naudi ġie magħżul biex iservi fuq "working committee" biex jipprepara rakkomandazzjonijiet dwar il-vandaliżmu. Ir-rapport issa huwa lest u mistenni jiġi pubblikat ma jdumx.

Il-Kumitat qed jirċievi għadd ta' korrispondenza mill-pubbliku dwar ilmenti u problemi oħra tagħhom. Kull ittra qed tiġi studjata u diġà ttieħd uxi passi fl-interess ta' l-individwi f'każi ġustifikati.

### IR-RABA' MSIDA SONG CONTEST

Bħas-snin ta' qabel, is - Sezzjonijiet taż-Żgħażagħ Haddiema Nsara (Msida) qegħdin għal darb'oħra jhejju din l-attività għaż-żgħażagħ kollha ta' l-Imsida ta' bejn il-5 u 16-il sena.

Kull min attenda għal dawn is-Song Contests, jista' jgħid bis-suċċessi li għamlu dawn l-attivitajiet, u l-Board preżenti, taħt it-tmexxija tas-Sur Reno Vella, qiegħed jagħmel kull ma jista' sabiex din is-sena wkoll, dan is-Song Contest ikun suċċess bħal dawk ta' qablu.

L-iskop ewlieni li għandhom iż - Żgħażagħ Haddiema Nsara Misidjani, huwa li jaraw żgħażagħ b'talent tajjeb tal-kant jiżviluppaw dan id-don u b'hekk jistgħu jwassluhom għal fama nazzjonali. B'hekk ikunu qegħdin jagħmlu isem għalihom infushom u ġieh lil art twelidhom.

Nixtiequ għalhekk li dawk kollha li għandhom għal qalbhom l-edukazzjoni taż-żgħażagħ tagħna, jagħtu l-kuraġġ liż-żgħar tagħna billi jattendu għal dan is-Song Contest li d-data tiegħu tiġi mxandra aktar 'il quddiem.

# SPORTS

**Minn CHARLIE CASHA**

## PAĠNA SPORTIVA

Bħalma ċed tinnotaw f'din il-ħarġa, hawn ħafna taqlib fil-Paġna Sportiva. Minn din il-ħarġa 'l quddiem, il-paġna sportiva ma intomx ser issibuha aktar fl-aħħar paġna tal-gazzetta, imma issa sejra tibda tidher bħala suppliment fin-nofs tal-gazzetta u barra minn hekk ser jibda jkollkom żewġ paġni sportivi.

'Il quddiem beħsiebna nagħtukom ukoll aħbarijiet fuq sports internazzjonali meta l-ispazju jippermetti.

## VICTOR SCERRI

## COACH TAS-SAINTS

Bi preparament għall-istaġun 1965-66 il-Kumitat tas-Saint Joseph innegozja ma' Victor Scerri biex jieħu ħsieb il-players tiegħu. Victor mhux xi persuna ġdida fil-qasam ta' li sports. Twieled fis-17 ta' Lulju, 1928, Victor beda l-karriera tiegħu ma' l-Amateurs tal-Melita fl-istaġun 1946-47. Fl-1949 irreġistra mas-Sliema Wanderers fl-1951; reġa' irritorna mal-Melita fl-1950; u fl-aħħar reġa' mil-Wanderers fl-1951; fl-istaġun 1951-52 ġie introdott fil-league.

Fl-istaġun 1956-57 Victor Scerri kien ġie Runner-Up fil-"Footballer of the Year". F'dan l-istaġun ukoll Victor għamel round sħiħ mingħajr ma jaqla' goal wieħed biss. Dan kien it-tieni staġun bħala l-goalkeeper regolari tal-Wanderers.

Victor Scerri ġie magħżul l-ewwel goalkeeper internazzjonali ta' Malta, meta l-Hadd, 24 ta' Frar, 1957, Malta daħlet fil-kamp internazzjonali b'logħba kontra t-team "A" ta' l-Awstrija.

Fl-1960 Victor Scerri ġie trasferit lill-Florina u f'Settembru ta' l-istess sena ġie ngaġġat Coach tal-Gżira United li minn taħt idejh telgħu fil-1st Division. Victor Scerri ħa l-kors ta' coach taħt it-tmexxija tan-National Coach Malti Mr. Joseph H. Griffiths.

## AKTAR PLAYERS

Għall-istaġun li ġej, is-St. Joseph akkwistaw il-firma ta 'Joe Bond, player Misidjan, li telaq lis-Saints fl-istaġun 1963-64 biex issieħeb mal-Floriana F.C. u minn mal-Floriana ssieħeb mal-Marsa fl-istaġun 1964-65. Sakemm morna għall-istampa s-Saints kienu fi ftehim mal-half-back Meli ta' Qormi Youngsters.

**M.A.F.A. 1965/66, LEAGUE FIXTURES.**

Msida W. vs. Valletta S. Paul's
Hamrun L.Q. vs. Msida W.
Sliema Y.B. vs. Msida W.
Msida W. vs. Zejtun A.
Msida W. vs. Hamrun U.
Msida W. vs. Marsa Y.
Msida W. vs. Fsobians.

PROFIL Nru. 4

# LINO MIZZI



**Lino Mizzi twieled l-Imsida fil-15 ta' Marzu, 1940. Il-bidu tal-karriera tiegħu ġie b'sorpriża fl-età ta 16-il sena: Lino mar ma' ħuh, li kien player ta' l-Imsida biex jara l-logħba tat-3rd Division league, Msida Wolves vs. St. Andrews, meta l-goalkeeper tal-Wolves ma attendiex għal-logħba msemmija. Il-Kumitat ried jimla l-vojt imħolli mill-goalkeeper, u avviċina lil Lino biex jieħu postu bejn il-lasti Misidjani. Malajr ġew ipprovduti Registration Sheet u goalkeeper kit, u Lino, imbeżża', niżel jilgħab. Il-logħba ħarġitlu tajba u baqa' bi player tal-Msida Wolves għal tliet staġuni sħaħ, fejn ħa parti f'logħob kompetitiv mat-3rd Division u Minors.**

Wara t-tielet staġun Lino ried jipprova xortih banda oħra, u ta l-firma tiegħu liż-Żurrieq F.C., team ieħor fit-3rd Division, fejn baqa' għal staġun ieħor.

Fl-istaġun 1957-58 Lino iddebutta fil-logħob mal-kbar. Birkirkara, imhedda mir-relegation tal-1st Division, irreġistraw lil Lino Mizzi bħala goalkeeper għal-logħba kontra r-Rabat li aktar kienet relegation decider milli logħba tal-league, u bil-għajnuna tiegħu rebħu 2—0. Lino ħalla impressjoni tajba ħafna, u ħalla wkoll lil Birkirkara fil-1st Division. Wara din il-logħba Lino reġa' deher bejn il-lasti Karkariżi kontra l-Hibernians, fejn dawn ta' l-aħħar rebħu 3—1.

L-istaġun ta' wara, Lino irreġistra mal-Valetta F.C. fejn dam żewġ staġuni. Il-

*(jissokta fil-paġ. 6)*

JAĦSLU, ILAĦALĦU, JGĦALLU U JAGĦSRU
*WAĦEDHOM!*
IL-MAGNI TAL-ĦASIL AWTOMATIĊI
INDESIT



Aġent:
CONSIGLIO D'AMATO
WESTERN RADIO SERVICE
701, HIGH STREET
HAMRUN
u
SUPER SHOWROOM
Valletta Road — Mosta

# SEDUTA ĠENERALI ANNWALI

Nhar il-Ħadd, 11 ta' Lulju, 1965, saret is-seduta Ġenerali Annwali tas-St. Joseph Football Club fil-każin. Is-seduta bdiet fid-9.50 a.m. u damet sejra għal kważi tliet sigħat sħaħ. Is-seduta fetħet bis-Segretarju, is-Sur Paul Baldacchino, jaqra l-minuti ta' l-aħħar seduta ġenerali li saret fil-każin stess fil-21 ta' Marzu, 1965.

Wara l-qari tal-minuti, il-President tal-Club qam jagħmel id-diskors tiegħu fejn kellu diskors ta' tifħir għall-Kumitat tiegħu, li kien wasal biex ixolji, u għall-players li tant ħadmu matul l-istaġun li għadda. Il-President irringrazzja wkoll lil dawk kollha li ħadmu biex il-każin il-ġdid irnexxa, fosthom lis-Sur Anthony Camilleri, li kien il-pedament tal-każin il-ġdid.

Il-President irringrazzja wkoll lir-Rev. J. Mifsud u lil Dr. R. Naudi, M.D., li għoġobhom jaċċettaw il-karigi ta' Direttur Spiritwali u Tabib tal-Club rispettivament. Fl-aħħarnett il-President għamel appell lill-membri preżenti biex għall-elezzjoni tal-kumitat jagħżlu nies ta' fiduċja u li jkunu ta' ġid għall-Club.

Wara d-diskors tal-President, inqara rapport amministrativ mis - Segretarju fejn fost attivitajiet oħra qal li matul l-istaġun il-kumitat għamel 28 seduta b'dawn il-membri preżenti: President Joseph Friggieri, 26; Segretarju Paul Baldacchino, 28; Carmelo Agius, 24; Louis Filletti, 20; Alfred Borg, 27; Harry Tanti, 17; Emmanuel Farrugia, 27; John Barbuto, 27; Joe Farrugia, 14; Charlie Mock, 4; Lino Mizzi, 2; Anthony Mallia, 10; Joe Borg, 10; Joe Friggieri, 3. Ta' min ifakkar lill-qarrejja li Charlie Mock u Lino Mizzi irriżenjaw wara d-9 seduta biex flokhom daħlu s-Sinjuri Joseph Borg u Anthony Mallia, filwaqt li Joe Friggieri daħal fil-kumitat minflok is-Sur Harry Tanti li matul l-istaġun emigra għall-Awstralja.

Wara r-rapport amministrativ, il-Kaxxier ippreżenta l-Balance Sheet.

Wara l-qari tal-Balance Sheet, il-Kumitat xolja, inħatar Chairman temporanju minn fost il-membri preżenti biex imexxi l-elezzjoni tal-kumitat. L-ewwel ma ġew maħtura t-tliet uffiċjali li huma s-Sinjuri Joseph Friggieri, Paul Baldacchino u Anthony Mallia bħala President, Segretarju u Teżorier rispettivament, l-elezzjoni kompliet b'ħatra ta' sitt membri oħra u żewġ awdituri.

Il-kumitat għas-sena 1965/66 ġie iffurmat hekk:- ,

President Onorarju: Dr. R. Naudi M.D.; President: Joseph Friggieri; Viċi-President: Louis Filetti (36); Segretarju: Paul Baldacchino.; Ass. Segretarju: Joe Friggieri (30); Teżorier: Anthony Mallia; Ass. Teżorier: Alfred Borg. (41); Membri: Emmanuel Brincat. (32), Emmanuel Farrugia. (38), John Barbuto. (30); Direttur Spiritwali: Rev. Fr. J. Mifsud; Tabib tal-Club: Dr. R. Naudi. M.D.; Direttur tal-Club: Emmanuel Brincat; Delegat għall-M.F.A.: Paul Baldacchino; Coach u Trainer: Victor Scerri; Awdituri: N. Taliana u C. Casha.

In-numri fil-brackets huma l-voti li ġabu s-sitt membri eletti minn total ta' 42 punt. Iindirizz tas-segretarju 48, Valley Road, Msida.

# LINO MIZZI

*(jissokta mill-paġ. 5)*

Valetta nqdew bis-servizz tiegħu kontra Chieti u Siracusa fit-tour tagħhom ta' qabel l-istaġun. Hamrun Spartans, imhedda b'emigrazzjoni tal-goalkeeper regolari tagħhom, issieltu kemm felħu kontra teamijiet oħra tal-1st Division, fosthom Floriana u Valetta, biex jakkwistaw il-firma ta' Lino, u rnexxielhom jirreġistrawh għall - istaġun 1961-62 biex fl-1 ta' Novembru, 1961, jilagħbuh kontra l-Floriana.

Floriana, league champions ta' Malta, kienu ser jipparteċipaw fil-European Cup of League Champions, sabu ruħhom mingħajr goalkeeper; tħabtu biex irreġistraw lil Lino li l-ewwel logħba tiegħu ma 'dan il-Club kienet kontra ċ-Champions Ingliżi Ipswich Town imma għal Lino kienet biċċa xogħol iebsa, għax ma seta' jagħmel xejn kontra t-*terrible twins* ta' Ipswich, Ian Crawford u Ted Phillips. Tul l-istaġun Lino lagħab biss tliet logħbiet fil-league: kontra Birkirkara, fis-Semi Final tal-Cassar Cup kontra l-Valetta fit-2 ta' Ġunju, 1963, fejn Floriana rebħu 3—2, u l-Final fid-9 ta' Ġunju kontra l-Hibernians.

Wara dan l-istaġun, Lino reġa' sieħeb lill-Hamrun Spartans. Fl-istaġun 1964-65 Lino Mizzi ġie elett membru tal-Kumitat tat-team ta' pajjiżu St. Joseph, fejn f'nofs l-istaġun Lino kellu jagħti r-riżenja tiegħu biex jieħu post Sammut bejn il-lasti tas-St. Joseph, li għenhom jitilgħu sal-Final tat-3rd Div. K.O. Mistoqsi liema kienet l-aktar logħba interessanti għalih, Lino qal li ma jista' qatt jinsa l-logħba tal-25 ta' Settembru, 1962,, Ipswich Town vs. Floriana, f'Portman Road, Ipswich, quddiem l-akbar folla li qatt lagħab u l-ewwel logħba tiegħu bil-Flood Lights.

Lino Mizzi huwa wkoll il-goalkeeper regolari tal-Msida Wolves, it-team Misidjan li jipparteċipa fil-M.A.F.A. League, fejn f'dan il-league Lino gawda ħafna unuri. F'Marzu, 1963, Lino ġie magħżul il-goalkeeper tal-M.A.F.A. għall-International Libyan Soccer Tournament, li sar fi Tripli, u fit-tmiem ta' l-istaġun l-ieħor Lino ġie magħżul Footballer of the Year tal-M.A.F.A.

Għall - istaġun 1965-66 Lino kien wieħed minn ta' l-ewwel li ta l-firma tiegħu lit-teamijiet Misidjani, St. Joseph għall-M.F.A., u Msida Wolves għall-M.A.F.A.


LOEWE

OPTA

T.V.

LESA

TAPE RECORDERS - FANS - GRAMOPHONES - PICK-UPS

AMPLIFIERS - KOMPONENTI ELETTRONIĊI

U

LINDE REFRIGERATORS

Aġent waħdani:

CONSIGLIO D'AMATO

WESTERN RADIO SERVICE

701, HIGH STREET — HAMRUN

## POSTIJIET TA' INTERESS FL-IMSIDA — 1

# "ANGELA HOUSE" JEW IL-CRECHE TA' L-URSOLINI

Minn LINO BARTOLO



Fuq il-għolja ta' Gwardamanga, u sewwa sew taħt id-dell tas-Santwarju ta' Loreto li dwaru nitkellmu darb'oħra, jinsab il-Creche l-iktar modern li ġewwa fih qed jitrabbew madwar 80 tifel u tifla.

Dan il-post huwa tassew sabiħ u modern, mogħni b'kull ma teħtieġ id-dar fejn jinsabu t-tfal. Taħt il-ħarsien tas-Sorijiet Ursolini t-tfal jitgħallmu dak kollu meħtieġ għall-ħajja tagħhom 'il quddiem.

Is-Sorijiet Ursolini qabel bnew dan il-Creche ta' Gwardamanġa diġà kellhom Creche ieħor ġewwa tas-Sliema f'Alexandra Street, iżda billi n-numru tat-tfal kiber inħasset il-ħtieġa li jinbena Creche ieħor fuq stil modern. Il-Madre Generali ta' dak iż-żmien, Madre Maria Veronica, daħlet għal din il-biċċa xogħol b'entużjażmu, u għalhekk naraw li fi ftit żmien wara saru l-pjanti u nbeda x-xogħol. L-istil li żammew il-periti fil-kostruzzjoni ta' din il-Creche jersaq ħafna lejn il-bini ta' flats li qegħdin naraw il-lum. Infatti din id-dar hija mqassma f'appartamenti żgħar bil-kumditajiet kollha meħtieġa li jagħmluhom mhux biss konfortabbli imma anki indipendenti wieħed mill-ieħor.

L-ewwel ġebla ta' dan il-post kienet tqiegħdet minn Mons. Arċisqof fis-7 ta' April, 1957, u l-parrinijiet kienu Dr. G. Galea u Dr. Tommy Agius Ferrante. Matul l-1957-1959 il-post kien lest, u għalhekk insibu li fit-23 ta' Mejju, 1959, sar il-ftuħ uffiċjali ta' Angela House mill-Gvernatur u Lady Laycock, u mbierek minn Mons. Arċisqof. Huwa stmat li l-bini, ġebel u xogħol biss, ġie jiswa madwar £40,000, li meta nfetħet din id-dar kien għad baqa' madwar £7,000 dejn.

Imma kull ma tgħaliem il-Knisja huwa minnu, għaliex min jittama u jemmen f'Alla jaqla' dak li jkun jeħtieġ, u hekk hu, insibu bosta benefatturi li ikkontribwew lil dan il-Creche ħafna affarijiet meħtieġa, bħal sodod, għamara ġdida, eċċ., biex bihom jitgħammru l-flats ta' dan il-Creche. Insibu ħafna benefatturi, imma ma nistgħux ma nsemmux lil dawk li matulek ja sena jieħdu ħsieb li jgħinu lill-grupp ta' tfal li jinsab fil-flat tagħhom.

Fil-Creche ta' l-Ursolini nsibu sitt flats li huma dawn: l-ewwel li nsibu l-flat iddedikat li Saint Gabriel li huwa megħjun mir-Rediffusion Malta Limited; it-tieni flat imqiegħed taħt il-ħarsien ta' Santa Barbara li huwa megħjun mir-Royal Malta Artillery; it-tielet flat huwa iddedikat lill-Madonna taħt it-titolu ta' Mater Admirabilis u li hu megħjun mill-Old Girls tas-Sacred Heart; ir-raba' msemmi għal Saint Edward u huwa megħjun mill-Barclay Staff u mill-Malta Chamber of Commerce; u St. Peter li huwa megħjun min-National Bank of Malta u mix-Sciclunas Bank.

Dawn is-soċjetajiet jieħdu ħsieb jorganizzaw ħarġiet, jagħmlu birthday parties lil kull tifel u tifla, u anki fi żmien il-Milied jagħtu shows ta' varjetà, eċċ. Barra minn hekk, il-Creche ta' l-Ursolini huwa mogħni b'assembly hall, kappella żgħira, ġnien kbir t'tagħmir ta' playing field mogħti mill-Malta Playing Fields Association u anki Swimming Pool. L-ewwel Madre Superjura kienet Suor Marija Tecla Micallef, waqt li fil-preżent it-tmexxija tal-Creche hija f'idejn Suor Marija Galea li għamlet studji barra minn Malta fuq it-trobbija tat-tfal.

Minn dan il-ftit tagħrif rajna kemm is-Sorijiet Ursolini qegħdin jaqdu l-mis-

*(jissokta fil-paġ. 8)*


**SHELL FILLING STATION**
(Prop. J. Pace & Sons)
**MENQA SQUARE - MSIDA**
Telephone: Sliema 2745




**Agħżel Refrigerator**

**KELVINATOR**

**MINN ĦAFNA MUDELLI**

**TA' L-1965-66 LI WASLU ISSA**

**FUQ STILI**

**L-AKTAR ATTRAENTI**

**U ELEGANTI**

**6 c.f. £58 BISS**

**Jingħata rigal B'XEJN ma' kull**

**KELVINATOR**

**tul ix-xahar ta' Lulju**

PAĠNA LETTERARJA

# ĦAJJA OĦRA MITMUMA

**Novella ta' ALBERT MARSHALL**

"Għadni żgħir, o Alla tiegħi! Għaliex urejtni daqshekk kmieni kemm hi kiefra l-ħajja? Għaliex iġġegħelni nixtieq il-mewt fl-isbaħ jiem taż-żgħożija? Għaliex, ja Alla mqaddes, għaliex?"

F'kamra mudlama, mixħut fuq il-qiegħa ta' l-art kiesħa minn tulu kien hemm Fredu, żagħżugħ ta' tmintax-il sena, b'idejh imqabbda ma' xagħaru, minn għajnejh imberrqa jqattru demgħat kbar kbar għal fuq il-qiegħa ta' l-art. Fuq ħajt għeri tal-kamra fqajra u maħmuġa kienet tiżżeffen mal-fewġa mirjieħa li lebbtet għal ġewwa mill-fetħa tal-ħajt quddiemha, xbieha ħelwa tal-kartun ta' Kristu.

Jinstama' l-bieb ta' barra jintebaq bil-herra. Fredu jinħasad. Jara l-missieru jidħol u joqrob lejh.

"Qum minn hemm, ja iben il-bluha!" U ma' dan il-kliem ixejjer sieqi għal sider iż-żagħżugħ. B'għajta ta' wġiegħ l-imsejken qam. "Int titniegħes hawn f'kamartek u jiena nitlef flusi kollha. Kollha, fhimtni? Kollha, fhimt, kollha! Naraw issa mnejn se noborxuha l-ħobża ta' kuljum... U isma' x'jien ngħidlek. Din id-dar tiegħi. Qed inżommok fiha fuq qalbi; dan tafu daqsi. U jekk ma tneħħix dik ix-xbieha ta' hemm fuq il-lejla stess nikinsek 'il barra". Bħal mingħul imgewwaħ, tar għal fuq Fredu, heżżu, ħabbat il-ħamest iswaba' ta' idejh tnejn jew tliet darbiet ma' ħaddejn l-imsejken "ibnu", tela' fuq is-sodda, ħafen il-kwadru bejn idejh, beżaqlu, ċarrtu, sabbtu ma' l-art, u għeb għal ġo kamartu.

Fredu, bid-dmugħ ta' għajnejh jitwaħħad maddemm iċarċar minn ħalqu, ħares bil-herra lejn il-bċejjeċ tal-kartun, lejn id-demm imċallas ma' ħwejġu, lejn soddtu maqlugħa, lejn nemusa terdagħlu demmu, lejn l-ilsien safrani tal-musbieħ ta' quddiemu, lejn fejn kellu ħwejġu u kull ma kellu. Qatagħha... Sarr kollox u telaq.

Kien dalam ġmielu. Ittoroq baħħ. Telqilha għal għonq it-triq, jitħasseb u jidgħi, jibki u jolfoq. Għargħar ta' ħsibijiet... ommu qed tmut ftit snin ilu... missieru jwennisha bl-aħħar bewsa... in-nies iżommu lil missieru għax ried jinżel magħha fil-qabar. Issa, ma jemmen b'xejn, lagħbi u xarrabi, jaħlef u jidgħi. Haseb ukoll f'ommu fi żmien twelidu. Seħet lil missieru għax ma ħelisx minn martu u qatlilha 'l binha. Seħet lit-tobba kollha — iżda fuq kulħadd lil dak li qallu...

Intebaħ li kien wasal fejn ried jasal. Habbat. Xejn. Reġa' ħabbat. Xejn. Issokta jħabbat. Fetħulu, iżda ma daħalx. Staqsa għal Inez. Qalulu: "Rieqda", marru jqajmuha.

Naraw lil Inez imgħannqa ma' Fredu, l-għarus tagħha.

"Mur, nitolbok, Inez. Itlaqni. Intemm kollox bejnietna".

"Ma rridx, Fred! Ma rridx! Inħobbok nibqa'; niżżewġek xorta. mhux tassew li ma tistax tiżżewweġ. It-tobba mġienen. Hobbni u ttama fija. Jiena biss nagħmlek ferħan".

"Itlaqni, għidtlek. Ma rridekx. Ma nħobbokx għax... għax inħobbok, irridlek il-ġid, il-hena u l-ħajja. Sejjer".

"Fred, Fredu... titlaqnix, nitolbok".

"Ma taranix aktar. Mur sib żagħżugħ ieħor li jixraqlek aktar minni, li l-ħajja ma ssawtux, li ġiehu ma tilfux, li għandu s-setgħa jagħtik familja, li jemmen fis-sbuħija u jistmerr il-kruha. Mur, Inez, mur, kun bniedma u għix ħajtek. Aħrab 'il bogħod, aħrab u għix.."

Fredu ħarab... ħarab minn dirgħajn il-maħbuba tiegħu iżda mhux lejn ġuf il-ħajja iżda lejn il-belliegħa tal-mewt.

Il-pulizija ddikjarat li l-ġisem u s-sorra li nstabu jimirħu fuq il-kħula mdardra ta' Ta Xbieb kienu ta' Fredu Tristi minn Binġemma...

## POSTIJIET TA' INTERESS FL-IMSIDA

*(jissokta mill-paġ. 7)*

sjoni tagħhom ġewwa pajjiżna u aħna għandna nkunu kburin li fl-Imsida jinsab dan il-post li tkellimna dwaru. Dan huwa fatt ieħor ta' kemm il-Knisja f'Malta qed tgħin lil dawk li jiġu bżonnha. Aħna min-naħa tagħna għandna wkoll nagħtu l-kontribuzzjoni tagħna billi min jista' jgħin finanzjarjament jew spiritwalment.

# GĦALIKOM TFAL

Bagalji ġodda, pitazzi u kotba miksijin b'karti ndaf, lapsijiet, biros, gomom u elf ħaġa oħra: kollox lest għax dalwaqt tibda l-iskola.

Għaddew il-vaganzi, spiċċa l-baħar, spiċċa l-għawm u spiċċaw ix-xalati. Spiċċa l-mistrieħ u nerġgħu għax-xogħol. Klassi ġdida u, għal ħafna, ukoll, skola ġdida; ħbieb ġodda u anki teachers ġodda.

Il-bidu ta' kull ħaġa jfisser proponimenti u issa huwa l-waqt ta' dawn il-proponimenti. L-ewwelnett, tfal ,naħdmu u nistudjaw — dak hu x-xogħol tagħkom. Bħalma d-Daddy jmur għax-xogħol u l-Mammy tagħmel ix-xogħol tad-dar, hekk intom għandkom tagħmlu x-xogħol ta' l-iskola. Ftakru wkoll li dak li tagħmlu issa, ssibuh 'il quddiem. Min ħadem is-sena l-oħra, jagħmel kuraġġ u jkompli u min forsi ttraskura, jipprova jġib dak li tilef.

Barra dan, araw sħabkom il-ġodda xi tfal huma. Dan ngħiru aktar u aktar lil dawk it-tfal li sa jmorru fi skola ġdida. Illum hawn xjaten libsin ta' tfal — naf x'qiegħed ngħidu aktar u aktar lil dawk it-tfal li sa jmorru fi skola araw li tagħżluh tajjeb. Jekk fil-ħabib il-ġdid tindunaw b'xi ħaġa li ma togħġobkomx, aqtgħu mill-ewwel qabel ma ssiru ħbieb ħafna, għax imbagħad ikun diffiċli wisq. U fejn ikollkom dubju, tisthux! Staqsu dejjem u ftakru li l-mistoqsija hija oħt il-għerf. Tkunu mberkin.

DUN ĠUŻEPP.



## Gara ta' Kultura Reliġjuża

Għal ħabta ta' Ottubru, id-Direzzjoni ta' l-Istitut Kattoliku sejra torganizza Gara bejn il-Parroċċi ta' Malta.

Għalhekk bil-ħsieb ewlieni li l-Parroċċa tagħna tagħna tkun minn ta' quddiem li tieħu sehem, il-Kappillan ħatar Kumitat kompost mis-Sinjuri J. C. Spiteri, Lino Bartolo u Raymond Galea, biex jieħu ħsieb li jirranġa l-affarijiet kollha meħtieġa.

L-iskop li trid tilħaq din il-Gara hu li tqajjem interess fil-kultura Reliġjuża li f'pajjiżna jidher li huwa nieqes.

Il-Gara tkun fuq bażi ta' Knock Out Competition, u fiha jieħdu sehem ħamsa min-nies ta' kull parroċċa, irġiel jew nisa, minn 16-il sena 'l fuq.

Is-suġġett tal-Gara għalissa ser ikun: Bibbja, Storja tal-Knisja u Apoloġetika. Il-premju finali ser ikun Trophy iddisinjata minn artist Malti.

F'isem il-Board Editorjali tal-gazzetta *L-Imsida* nixtiequ lil dawk kollha li ser jieħdu parti kull suċċess.

## UNURI ĠODDA GĦAL ULIED L-IMSIDA

(*jissokta mill-paġ. 1*)

**DAVID FARRUGIA**



Dan huwa t-tfajjel Misidjan li ngħażel flimkien ma' 15-il abbati oħra minn Malta u Għawdex biex iwettqu s-servizz tagħhom għal xahar sħiħ fil-Vatikan. David, li għandu 12-il sena, twieled fid-9 ta' April, 1953, minn Remiġ u Maria Violet Farrugia. Huwa jmur is-St. Joseph Technical School tan-Naxxar. Huwa ilu abbati tal-parroċċa tagħna mis-sena 1962. Fl-eżami li sar fost l-applikanti għall-vjaġġ għall-Vatikan, huwa ġie l-ewwel fost madwar 170 abbati minn Malta u Għawdex kollha meta ġieb 96.5 marki minn 100. Għalhekk hu telaq minn Malta għal San Pietru fl-10 ta' Awissu u mistenni li jerġa' lura fil-15 ta' Settembru.

Aħna nifirħulu.

**E. MAISTRE**

of

162, BRITANNIA STREET,
VALLETTA

Tel. 24888

for

*STATIONERY — PRINTING*
*RUBBER STAMPS — TOYS*

**NATIONAL MARINE CENTRE**
TESTAFERRATA STREET - MSIDA
Tel. 32747
***L-istabbiliment fejn issibu inġenji tal-baħar, fosthom makni, dinghies u Speed-Boats tal-Fibre Glass u anki kull xorta ta' Aċċessorji u Spare Parts.***

**INVICTA WORKS**
MANUFACTURERS OF
MODERN TUBULAR FURNITURE
**INVICTA for your household and office needs**
*Be Proud* — Have Modern Furniture
*Be Wise* — Have INVICTA FURNITURE
**FLATS - HOSPITALS - SCHOOLS**
are modern only when
INVICTA FURNITURE IS USED
FREE!! Literatures and Brochures on request.
*Factories and Head Office:*
Quarries Square, MSIDA 26651
*Showrooms:*
The Strand, SLIEMA 33827
Pietà Wharf, PIETA'.
**Visits Solicited Without Obligations**
**Buy the Best! Buy INVICTA FURNITURE**
**THE FURNITURE OF A LIFETIME**

COLOR COLOR COLOR
Natural
Colour
*in True Life Colour*

Developing and Printing
of
**KODAK**
**COLOUR FILMS**
FIRST CLASS SERVICE
5 DAY SERVICE 5
**ARTCOLOR STUDIOS**
KINGSWAY PALACE
55, KINGWAY
VALLETTA

# VARJETA'

## ROGER MOORE



Twil 6 piedi u 2 pulzieri, xagħaru kannella ċar, għajnejh ċelesti, persuna sabiħa, libsa eleganti. Min jista' jkun jekk mhux Roger Moore, jew kif aktar nafuh *The Saint* minħabba l-parti li jaħdem fuq it-TV!

Tifel ta' pulizija, Roger Moore twieled Londra u għandu 38 sena. Meta kien żgħir kien mixħut lejn l-arti. Wera ħila naturali fit-tpinġija u sens umoristiku, li kien juriħ fil-*cartoons* li kien jagħmel.

Studja fi skola l-arti tal-karikatura bil-ħsieb li jeħodha b'karriera, kif fil-fatt għamel meta beda jaħdem ma' gazzetta bħala karikaturista.

Ħalla l-karriera li kien qabad u daħal jistudja fir-Royal Academy of Dramatic Art u wara fil-Cambridge Arts' Theatre.

Il-gwerra żammitu fil-karriera ġdida li kellu. Daħal fl-Army u lejn it-tmiem tas-servizz militari tiegħu ġie trasferit għall-Combined Services Entertainment Unit.

Fl-1952 ħass li kien wasal iż-żmien li jista' jipprova xortih fl-Amerika. Mar New York u wara ftit granet li kien wasal, ġie mogħti parti fi produzzjoni għat-TV ta' Robert Montgomery fejn miegħu ħadet sehem Diane Lyenne. Deher ukoll fil-film *The last time I saw Paris* ma' Elizebeth Taylor. Il-film li ħa sehem fih u rajnieh hawn Malta kien *The Miracle*. Fuq it-TV issa rajnih kemm-il darba f'partijiet differenti. Għamel il-parti ta' *Ivanhoe* f'9 films; *The Alaskans*, li għadna ma rajniex fuq it-TV lokali għamel 20 film. Ħa sehem 20 darba fil-parti ta' *Maverieke* u bħalissa qed narawh fl-aqwa parti li qatt ħadem bħala Simon Templar alias *The Saint*.

Roger stess igħid li l-parti li għandu f'*The Saint* għoġbitu aktar mill-partijiet li qatt ħadem. Qal ukoll li f'dawn il-films kellu ġlied aktar minn films oħra li ħadem, imma li weġġa' inqas. U mhux l-ewwel darba li kellhom jiġu maqtugħa xi xeni mill-film fejn jidher qiegħed jispara minħabba l-uċuħ tad-daħk li jagħmel malli jisma' l-isparatura.

Roger Moore jista' jiġi kunsidrat bħala bniedem internazzjonali. Għalkemm imwieled l-Ingilterra, ħadem l-iżjed karattri Franċiżi fil-bidu tal-karriera tiegħu. Imbagħad karattri Ingliżi u wara Amerikani.

Bħalissa joqgħod f'Ruma u jitkellem it-Taljan daqs wieħed Taljan.

Il-Fan Club ta' Roger Moore f'Malta huwa f'dan l-indirizz:

Garage No. 3<br>
(Private Road)<br>
Pope Urbanus VIII Str.<br>
Birkirkara.

MARIO FARRUGIA.

Għand tax-

**SCHAUB LORENZ**

*issibu t-23, 25, 27 u 45 inch Television*

*bi prezzijiet sensazzjonali*

**NORTHERN T.V. and RADIO SERVICE**

**TESTAFERRATA STREET**

**MSIDA**

Tel. No. 33531

**FALZON'S PHOTO STUDIO**

**CAMERAS, FILMS & PHOTO GOODS DEALER**

**Passports, Portraits, Weddings, Parties and other social activities by appointment.**

**88, MANNARINO ROAD, BIRKIRKARA**

or apply at

**3, NEW STREET, MSIDA**

**SAVOY GARAGE**

(Props. J. Pace & Sons)<br>
*Private Buses,*<br>
*Cars and Volkswagens*<br>
*for Hire Service*<br>
*at Moderate Prices.*

**246-250, D'ARGENS ROAD GZIRA**<br>
and<br>
**SLIEMA ROAD, GZIRA**<br>
(opposite Marshall Court)<br>
**Phone: Sliema 31332**<br>
DAY AND NIGHT SERVICE

